**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGHA TAL-KUNSILL**

**L-44 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**

**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2016**
4. **L-Istruttura ta' Ġieħ il-Qrendi**
5. **Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – MW 49/16**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
7. **Finanzi**
8. **Aġġornament**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tal-44 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2016 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fit-8 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **QARI TAL-MINUTI**

1.1 Il-Minuti tat-42 u 43 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **KORRISPONDENZA**

2.1 Inqrat Memo 07/2016, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 7/2016 – Rapporti Pubbliċi fuq www.lc.gov.mt**.

2.2 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel Abela, Direttur għall-Gvern Lokali, bit-titlu ***Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***OPM Circular No 5/2016 – Death of H.G. Archbishop Emeritus Joseph Mercieca.***

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ERDF – Priority Axis 4 (Low Carbon Economy) and Priority Axis 5 (Environment).***

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Terms of reference and call for expression of interest for Cultural Tours for Diplomats – 2016.***

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***EID downtime notification – Friday 18 March to Sunday 20 March 2016.***

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Gvern Lokali, bit-titlu **Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali – April 2016.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali – April 2016.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż għall-Istampa – Sezzjoni tal-Immaniġġjar tal-Indirizzi fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali/*Address Management Unit within the Electoral Office.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 111/2016 – NAO Report 2014 follow up.***

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 133/16:* Dwal fit-Toroq tal-Kunsilli Lokali.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Jeanette Abdilla, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case No. 175/16 – ME, CPS and Fibromyalgia "Light Up The Night".***

2.13.1 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel unanimament li m'għandniex nipparteċipaw f'din l-attivita'.

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT Clarification – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT Clarification 2 – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT Clarification 3 – Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Xogħol fil-komuita' għar-residenti tal-Faċilita' Korrettiva f'Kordin.**

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Sibt il-Għid.**

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Partners from Malta Wanted – Opportunity to collaborate with FSLD Poland.***

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Questionnaire on the significance of the Covenant of Mayors initiative.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***To All Regional Committees and Local Councils – Join Europe Cooperates in Rotterdam.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***European survey on elected local officials formation.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Melanie Agius, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 23614.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **PQ 23882.**

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Lorraine Micallef St John, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Attivitajiet fil-Beraħ.**

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Application for Memo 17/2014 – Internet.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kont Pendenti tal-Melita.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari fuq Għaqal id-Dar – April 2016.**

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Rita Mifsud Attard, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URBACT III Invitation to Launch Call for Implementation Networks.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Azzopardi, għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Green Public Procurement.***

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***European Youth Event.***

2.31.1 Il-Kunsillieri Daniel Farrugia u Daniela Farrugia ssospendew ruħhom mil-laqgħa sakemm tkun diskussa din il-materja, minħabba li l-Kunsillier Daniela Farrugia kienet il-persuna li applikat, filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia kellu kunflitt t'interess.

2.31.2 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna din il-korrispondenza mingħand l-AKL minħabba li l-Kunsillier Daniela Farrugia uriet interess li tipparteċipa, minħabba li din l-attivita' kienet miftuħa għal Kunsillieri taħt it-30 sena.

2.31.3 Kompla li f'dawn l-aħħar tliet snin kien hemm okkażjonijiet fejn Kunsillieri siefru fuq safar li ma kienx relatat max-xogħol tal-Kunsill Lokali.

2.31.4 Spjega kif f'dawn is-safriet, fejn Kunsillieri siefru fuq safar li ma kienx relatat max-xogħol tal-istess Kunsill, il-Kunsill Lokali qatt ma ħareġ flus. Kienu biss żewġ safriet fejn Kunsillieri rrappreżentaw speċifikament lill-Kunsill Lokali.

2.31.5 Qal li dawn is-safriet kienu għal Ficulle, l-Italja, kif ukoll għal Leeuwarden, l-Olanda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.31.6 Żied, li kien biss għal Ficulle fejn il-Kunsill Lokali ħallas il-passaġġi tal-ajru tas-Sindku, Viċi Sindku u Segretarju Eżekuttiv, u dan minħabba li marru fuq żjara esploratorja għal ġemellaġġ propost bejn iż-żewġ naħat.

2.31.7 Spjega kif għalkemm noqgħodu attenti ħafna li Kunsillieri ma jsifrux minn fondi tal-Kunsill Lokali meta jsiefru fuq xogħol mhux relata mal-Kunsill, xorta waħda ġejna kritikati li qegħdin insiefru mill-flus tal-Kunsill Lokali, avolja l-uniċi flus li nħarġu kienu biex jitħallsu l-passaġġi tal-ajru minħabba ġemellaġġ propost li l-bidu tiegħu kien inbeda taħt leġiżlatura oħra.

2.31.8 Is-Sindku qal lill-Kunsillieri li issa rridu niddeċiedu jekk il-Kunsill Lokali hux se joħroġ il-bqija tal-ispejjeż, jiġifieri €270 minn €555, wara li l-AKL iddeċidiet li se toħroġ l-ammont ta’ €285.

2.31.9 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa eżattament fiex se tkun tikkonsisti din il-*European Youth Event*.

2.31.10 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li għallinqas il-Kunsill Lokali għandu joħroġ persentaġġ tal-ammont mitlub, jiġifieri persentaġġ tal-€270.

2.31.11 Il-Viċi Sindku ppropona li l-Kunsill Lokali għandu joħroġ €100 u l-bqija jitħallsu mill-Kunsillier Daniela Farrugia.

2.31.12 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 16/2016 – Draft National Strategy for Retirement Income and Financial Literacy.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 17/2016 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***LCA Circular 18/2016 – Twinning of Cities.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 19/2016 – Laqgħa għas-Sindki nhar il-Ġimgħa 6 u s-Sibt 7 ta' Mejju fil-Lukanda Calypso, Marsalforn, Għawdex.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Projects Funds.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Aġent Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu ***Case 890/15*** **– Talba għal ħruġ ta' Memo għal RFI.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu ***Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse.***

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk. 17/2016 – Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francesca Borg, *Core Team Member* fl-Uffiċċju tal-President, bit-titlu ***Cross Cultural Couples 21/03/16.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kirsten Ciantar, mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bit-titlu **Laqgħa mal-Kummissarju għas-Simplifikazzjoni u Tnaqqis ta' Burokrazija.**

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Alexander Vella, mis-Segretarjat fil-Ministeru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, bit-titlu ***Project proposal request.***

2.42.1 Is-Sindku David Schembri qal li rċevejna din il-korrispondenza u issa rridu naraw kif se naġixxu fuqha.

2.42.2 Qal li mill-informazzjoni li għandna rridu nissottomettu proġett/i li jammontaw għal madwar €150,000.

2.42.3 Fisser kif fil-preżent il-Kunsill Lokali għandu l-pjanti quddiem il-MEPA tal-proġetti ta' Triq Sant'Anna u Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Ħniena, kif ukoll għandu diġa' l-pjanti lesti tal-bandli li hemm fi Ġnien Nicolo' Communet kif ukoll il-pjanti taċ-Ċentru Amministrattiv il-ġdid tal-Kunsill Lokali.

2.42.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jiddeċiedi x'se jagħmel dwar iċ-Ċentru Amministrattiv il-ġdid, għaliex issa ilna snin sħaħ nistennew u qatt ma ttieħdet deċiżjoni finali jekk hux se jsir jew le.

2.42.5 Is-Sindku qal li fil-pjanti mressqa quddiem il-MEPA dwar iċ-Ċentru Amministrattiv il-ġdid hemm inklużi wkoll il-permessi tal-bandli ta' Ġnien Nicolo' Communet.

2.42.6 Wara diskussjoni wiesgħa ġie deċiż li se niċċekkjaw kemm jiswa l-proġett ta' Triq Sant'Anna u jekk dak nipproponu li jsir dan il-proġett.

2.42.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Nadia Grech, mis-sistema tal-*customer care*, bit-titlu ***Qrendi Local Council: servizz.gov.mt February 2016.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Erica Aquilina, mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, bit-titlu **Triq il-Hmistax ta' Awwissu, Qrendi.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Mallia, mill-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni tal-MEPA, bit-titlu ***Local Councils.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Micallef, *Environmental Health Practitioner* fil-Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, bit-titlu ***Quarries Information.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlotte Curmi, Spettur tal-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rimi ta' Żejt tal-Ikel, il-Qrendi.**

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlotte Curmi, Spettur tal-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rimi ta' Skart Domestiku, il-Qrendi.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Mercieca, Surġent tal-Pulizija fl-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, bit-titlu **Rimi ta' Skart Domestiku, il-Qrendi.**

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Fenech, Assistenta Personali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, bit-titlu ***Qrendi Local Council – Financial Statements 2015.***

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Caroline Fenech, Assistenta Personali fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, bit-titlu ***Acknowledgement.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mark Galea, Maniġer fl-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, bit-titlu ***Survey of R&D in the General Government Sector 2014-2015.***

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Lanzon, mill-Uffiċċju Turistiku f'Marsaxlokk, bit-titlu ***Leaflets.***

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Angela Vella, *Lifelong Learning Coordinator*, bit-titlu **Memo 4/2016 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Kylie Ann Borg Marks minn Transport Malta, bit-titlu **Tabella tal-Lokalita'.**

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Thomas Debono, mid-Dipartiment tal-Immaniġġjar tat-Traffiku u s-Sigurta' fit-Toroq, bit-titlu ***DPN of the procession of the Redeemer in Qrendi.***

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Karl Galea, mid-Dipartiment tal-Immaniġġjar tat-Traffiku u s-Sigurta' fit-Toroq, bit-titlu ***Roads Closure.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Sergio Mallia, *Chief Operating Officer* ta' WEEE Malta, bit-titlu ***WEEE Malta request for meeting.***

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Colette Caruana, *Project Coordinator* f'WasteServ Malta, bit-titlu ***Refuse collection schedule.***

2.60 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Colette Caruana, *Project Coordinator*

f'WasteServ Malta, bit-titlu ***Textile Collection.***

2.61 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Francisca Zahra, *Project Coordinator* f'WasteServ Malta, bit-titlu ***Opening hrs of March '16 Public Holidays.***

2.62 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Kenneth Cutajar, *General Manager* ta' *District Operations*, bit-titlu ***Community Workers – Local Councils Malta.***

2.63 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Daniel Tabone, *Senior Operations Manager* ma' GreenPAK, bit-titlu **Ġbir mill-*Bring in Sites.***

2.64 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK, bit-titlu ***Green Bags.***

2.65 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Anthea Attard, *Local Council Co-ordinator* ma' GreenMT Ltd., bit-titlu ***Meeting Request.***

2.66 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Roderick Theuma, Surġent fis-*St John Rescue Corps*, bit-titlu ***Informative Session on Home Fire Safety.***

2.67 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sinjuri Mary Rose Aquilina u Tony Vella, *Co-Chairs Carassauga Festival*, bit-titlu ***Request for Banners or Flags.***

2.68 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Nathan Claude Borg minn *Dog Friendly Malta*, bit-titlu ***Make Malta Dog Friendly.***

2.69 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, dwar sehem fil-Festival Agrajru tal-Patata 2016.

2.69.1 Is-Sindku David Schembri qal li s-Soċjeta' Filarmonika Lourdes qegħdin jgħidu li huma lesti li jieħdu sehem fil-Festival Agrarju tal-Patata, imma li għal din is-sena jieħdu sehem biss fil-bar minħabba li qegħdin isostnu li l-Festival ġie qrib tal-festa tal-Madonna ta' Lourdes.

2.69.2 Spjega kif f'dan il-kuntest irridu naraw kif se naġixxu, jekk hux se nagħtu ċans lis-Soċjeta' Filarmonika Lourdes tieħu sehem biss fil-bar, jew inkella jekk ma jieħdu sehem xejn minħabba li mhux se jarmaw stand tal-ikel.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.69.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li jekk kemm-il darba l-Kunsill Lokali jiddeċiedi li s-Soċjeta' Filarmonika Lourdes xorta tieħu sehem fil-bar, irridu naraw kemm se jkun il-persentaġġ tal-flus li jingħataw mill-qliegħ ta' dan il-bar, u dan minħabba li ma tkunx fier ma' dawk is-Soċjetajiet/Għaqdiet li jarmaw ukoll bl-istands tal-ikel.

2.69.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega kif fir-realta', iż-żmien bejn il-Festival Agrarju tal-Patata u l-festa tal-Madonna ta' Lourdes ma naqasx mis-sena li għaddiet, għax filwaqt li fl-2015 il-Festival kien organizzat fil-31 ta' Mejju u l-festa ta' Lourdes ġiet fit-28 ta' Ġunju, din is-sena l-Festival se jiġi organizzat fil-5 ta' Ġunju u l-festa ġejja fit-3 ta' Lulju.

2.69.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ipproponiet li ġaladarba s-Soċjeta' Filarmonika Lourdes mhux se jkunu qegħdin jarmaw stand bl-ikel, għandhom jieħdu 10% mill-qliegħ tal-bar, filwaqt li s-Soċjetajiet/Għaqdiet l-oħra jieħdu 16% kif ħadu s-sena li għaddiet.

2.69.6 Il-Viċi Sindku qal li jieħdu kemm jieħdu, il-persentaġġ li jifdal minn dak li mhux se jieħdu s-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, għandu jingħadda lil xi għaqda bħal Puttinu Cares, Dr Klown, eċċ...

2.69.7 Wara diskussjoni wiesgħa ġie deċiż li Soċjeta'/Għaqda, tista' tieħu sehem biss fil-bar mingħajr ma tarma stand tal-ikel għal sena waħda biss u li l-persentaġġ se jkun dak ta' 12% minflok 16% kif se jieħdu s-Soċjetajiet/Għaqdiet li se jkunu qegħdin jarmaw ukoll stand tal-ikel.

2.69.8 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.70 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sur John Vella, Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes, bit-titlu ***No Parking Request.***

2.71 Inqrat ittra mibgħuta mis-Sinjuri Philip u Maryrose Azzopardi, dwar talba għal bozza ġdida fi Triq San Niklaw, il-Qrendi.

2.71.1 Is-Sindku David Schembri qal li meta kellna talbiet għal bozoz f'żoni simili, dawn kienu qegħdin jiġu approvati mill-Kunsill Lokali imma kienu qed jitpoġġew fuq lista ta' stennija.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.71.2 Qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin nagħtu ċ-ċans li jekk xi ħadd ikun irid iħallas il-bozza hu, il-Kunsill Lokali japprovaha u nkunu nistgħu mmexxu.

2.71.3 Spjega kif għalkemm jidher li waħda mill-karti tal-identita' tal-individwi turi li dawn qegħdin jgħixu fit-triq partikolari, il-Kunsill Lokali ma jistax jaqbad u jqabbeż dan il-każ qabel l-oħrajn kollha, għax inkella nispiċċaw b'baraxx ta' kritika minn min għadu fuq il-lista ta' stennija.

2.71.4 Is-Sindku ppropona li għandna niktbulu ittra lura u naraw jekk huwiex interessat li jħallas għall-bozza hu.

2.71.5 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

2.72 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Vincent Zammit, bit-titlu ***Double yellow line***.

2.72.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li rċevejna l-ewwel e-mail, u kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali, aħna konna tkellimna mal-familja li ssemmiet fl-e-mail tas-Sur Zammit.

2.72.2 Qal li konna spjegajna s-sitwazzjoni u pruvajna nsibu riżoluzzjoni mingħajr ma' mmorru għand Transport Malta.

2.72.3 Spjega kif minn e-mails oħra jidher ċar li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess, u allura l-Kunsill Lokali m'għandux triq oħra ħlief li jirrikorri għand Transport Malta għad-deċiżjoni tagħhom.

2.72.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

2.73 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Christa Wiegand, bit-titlu ***Two Dun Nerik Mahoney Streets in Qrendi.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 3. AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2016

3.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li fl-aħħar laqgħa tas-sotto kumitat, kellna rappreżentanti mis-Soċjetajiet/Għaqdiet tal-lokal li xtaqu jieħdu sehem f'dan il-Festival.

3.2 Qal li attendew rappreżentanti tas-Soċjeta' Mużikali Santa Marija, Soċjeta Filarmonika Lourdes u Qrendi FC Youth Nursery, filwaqt li ħadd m'attenda f'isem il-Qrendi Boċċi Club.

3.3 Spjega kif min-naħa tas-Soċjeta' Filarmonika Lourdes bagħtu korrispondenza li diġa' ġiet diskussa f'Minuta 2.69 f'dawn l-istess Minuti.

3.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li din hija l-problema li wieħed isib fil-volontarjat, għax ħafna drabi trid iddur fuq l-istess nies biex isiru l-affarijiet.

3.4 Il-Viċi Sindku spjega kif bħala Kunsill Lokali qatt ma xtaqna nidħlu fix-xahar ta' Ġunju, u fil-fatt l-applikazzjoni oriġinali tagħna kienet sabiex il-Festival Agrarju tal-Patata jsir nhar il-Ħadd 29 ta' Mejju. Li ġara kien li wara li kkommunikajna mal-Kappillan, skoprejna li fid-29 ta' Mejju se tkun il-festa ta' *Corpus Christi* u ma jagħmilx sens li norganizzawh dakinhar.

3.4.1 Fisser kif bħala Kunsill Lokali u sotto kumitat pruvajna nevalwaw is-sitwazzjoni u meta nistgħu nagħmlu dan il-Festival, imma sibna diffikulta' kbira biex nagħmluh f'Mejju minħabba li fit-22 ta' Mejju hemm l-IrkottaFest f'Ħal Kirkop.

3.4.2 Żied li ċċekkjajna mar-Reġjun tan-Nofsinhar jekk fil-5 ta' Ġunju hawnx xi attivita' oħra fir-Reġjun tana u dawn tawna konferma li mhemm l-ebda attivita' oħra.

3.5 Il-Viċi Sindku qal ukoll li tkellimna mal-*Project Lazarus*, il-Kavallieri ta' San Lazzru f'Malta, fejn huma interessati li jagħmlu *re-enctaments* ta' żmien il-Medju Evu waqt dan il-Festival.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

3.5.1 Spjega kif huwa mistenni li dawn se jtellgħu 'raħal' żgħir ta' żmien il-Medju Evu u li se jkunu qegħdin jagħmlu *re-enactement* ta' kif kienet tkun kċina f'dawk iż-żminijiet, kif ukoll se jagħtu idea ta' kif kien ikun l-isptar.

3.6 Fl-aħħar nett il-Viċi Sindku spjega kif fis-sezzjoni tad-divertiment prattikament għalaqna kollox u fadal niċċekkjaw biss mas-Surmast tal-Iskola Primarja sabiex naraw jekk it-tfal tal-iskola humiex se jieħdu sehem permezz tal-kant f'dan il-Festival.

## 4. <u>L-ISTRUTTURA TA' ĠIEĦ IL-QRENDI</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri qal li rridu nsibu struttura definittiva ta' kif se jibda jingħata Ġieħ il-Qrendi matul is-snin.

4.2 Ippropona li għandu jitwaqqaf sotto kumitat dwar din il-materja sabiex ikun jista' jiġi diskuss kollox hemmhekk.

4.3 Żied li bħala Kunsill Lokali rridu naraw kif qegħdin jiġu evalwati l-preferenzi u dan irid jiġi deċiż qabel tinħareġ l-applikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi u mhux wara.

4.4 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li minħabba impenji personali oħra, hu mhux se jkun jista' jkun parti minn dan is-sotto kumitat fil-preżent.

4.5 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud ukoll qalet kif minħabba li hija sitwazzjoni li tista' tkun taħraq, hi ma tixtieqx li tkun tifforma parti minn dan is-sotto kumitat.

4.6 Fid-dawl ta' dan kollu, is-Sindku ppropona li din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill Lokali li jmiss u kull Kunsillier ikun jista' jiġi bl-ideat tiegħu/tagħha dwar l-istruttura ta' Ġieħ il-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.7 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 5. AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – MW 49/16

5.1 Is-Sindku David Schembri qal li quddiemna għandna s-sejħa għall-offerti QLC – MW 49/16.

5.2 Qal li meta ngħalqet din is-sejħa, kienu tnejn l-offerenti:

1. Joseph Tabone
2. Elle's Urban Services Ltd.

5.3 Ippropona li għandna nwaqqfu sotto kumitat sabiex isiru l-intervisti maż-żewġ offerenti u d-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss.

5.4 Ġie deċiż li s-sotto kumitat se jkun iffurmat kif ġej:

David Schembri (Sindku), Charles Zerafa (Viċi Sindku), Daniela Farrugia (Kunsillier), Chris Falzon (Segretarju Eżekuttiv).

5.5 Ġie deċiż ukoll li l-intervisti mal-offerenti se jsiru nhar l-Erbgħa 30 ta' Marzu 2016.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li fit-23 ta' Frar 2016 saret laqgħa tal-Kabinett tal-Ministri mas-Sindki tar-Reġjun tan-Nofsinhar.

6.1.1 Spjega kif min-naħa tiegħu ressaq diversi proposti, fosthom proposti li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ssemmew f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill Lokali.

6.2 Fisser kif fuq is-sitwazzjoni ta' Triq il-Panorama jidher li mxejna ħafna u dan wara li l-Kunsill Lokali ħadem sabiex f'din it-triq isir id-dawl minħabba li parti minnha hija mudlama.

6.2.1 Spjega kif min-naħa tal-Korporazzjoni Enemalta dawn iriduna nagħmlu bankina fejn se jsiru l-arbli, minħabba li s-servizz se jgħaddi kollu minn taħt l-art, u l-Kunsill Lokali jrid jieħu ħsieb ir-*re-instatement* tal-parti tat-triq li jaqilgħu.

6.2.2 Qal li bħala Kunsill Lokali tkellimna mal-Perit tagħna fejn iddeċidejna li fejn jinqala' nerġgħu nagħtuh kisja tarmak minħabba li bankina tiġi tiswiena spejjeż kbar.

6.2.3 Żied li l-bozoz li applikajna għalihom sabiex isiru mill-Ministeru għat-Turiżmu, issa se jsiru fiż-żona ta' Wied iż-Żurrieq.

6.3 Is-Sindku qal li fi Triq il-Panorama k/ma' Triq Congreve ġew installati erba' (4) bozoz mal-arbli u issa se tintbagħat l-applikazzjoni lill-Enemalta sabiex dawn jiġu mqabbda.

6.4 Is-Sindku tkellem dwar il-każ tal-Perit William Lewis kontra l-Kunsill Lokali fil-Qorti tal-Appell, u qal li din il-Qorti ddeċidiet li l-każ irid imur quddiem id-Dipartiment tal-Kuntratti tal-Kunsill Lokali.

6.4.1 Qal li min-naħa tagħna konna diġa' bagħtna kollox lil dan id-Dipartiment, qabel mal-Perit William Lewis mar quddiem il-Qorti tal-Appell.

6.5 Is-Sindku tkellem dwar il-każ tar-restorant Step In f'Wied iż-Żurrieq u spjega kif kien hemm is-smiegħ dwar l-applikazzjoni quddiem il-MEPA u hu mar jirrappreżenta lill-Kunsill Lokali.

6.5.1 Qal li l-każ ġie differit u għaldaqstant id-deċiżjoni dwar din it-tinda *retractable* li applika għaliha, għadha trid tittieħed.

6.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-MELP, mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet kif ukoll l-ELC, dwar it-tisbiħ tar-*roundabout* int u dieħel il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Qrendi min-naħa tal-Imqabba.

6.6.1 Qal li fil-preżent qegħdin nistennew xi pjanti u stimi sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu.

6.7 Is-Sindku tkellem dwar tħawwil ta' siġar li sar fi Triq it-Tempesta, fejn hemmhekk tħawlu erbgħin (40) siġra tal-għargħar li kienu jiswew €19-il waħda u kollha kienu sponsorjati mill-istudenti Ġappuniżi.

6.7.1 Spjega kif fil-preżent ninsabu f'sistwazzjoni fejn m'għandniex aktar postijiet fejn inħawlu siġar ġodda, imma qegħdin nirranġaw il-parti fiż-żona t'Għajn ix-Xemx sabiex inkunu nistgħu nħawlu hemm.

6.7.2 Żied li fuq din iż-żona għandna l-permessi quddiem il-MEPA sabiex inkunu nistgħu nkomplu bix-xogħolijiet.

6.8 Is-Sindku tkellem dwar l-istatwa tar-ruħ u qal li issa din inqalgħet minn postha u nbeda x-xogħol ta' restawr fuqha.

6.8.1 Spjega kif irnexxielna nsibu ritratt ta' kif kienet l-istatwa meta ġiet restawrata fis-sena 2000, kif ukoll sibna ritratti ta' kif kienet qabel sar dan ir-restawr.

6.8.2 Qal li aħna nixtiequ li din l-istatwa tkun lesta sa Jum l-Omm, jiġifieri sa nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju.

6.9 Is-Sindku tkellem dwar il-kontenitur tal-plastik li hemm fil-*bring in site* ta' Triq iż-Żgħożija.

6.9.1 Qal li hemmhekk kien hemm żewġ kontenituri kbar tal-plastik li sfortunatament wieħed minnhom inkiser u l-GreenPAK kellhom ineħħuh minħabba li seta' jkun ta' periklu.

6.9.2 Spjega kif mingħand l-istess GreenPAK għandna stima ta' kontenitur ieħor tal-plastik li huwa *second hand* imma għadu f'kundizzjoni tajba, u għaldaqstant ippropona li għandna ngħidulhom sabiex ipoġġuh hemmhekk.

6.9.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament ma' din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.10 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar komunikazzjoni li qiegħed ikollu ma’ Heritage Malta dwar l-attivita’ kulturali li jmiss tal-Kunsill Lokali.

6.10.1 Spjega kif il-Palazz tal-Inkwiżitur u l-Forti Sant’Iermu huma *available* nhar l-Erbgħa 6 t’April.

6.10.2 Qal li forsi din l-attivita’ kulturali jkun aħjar jekk issir l-Erbgħa 11 t’April minħabba li l-poster għadu ma ħariġx u daħal iż-żmien.

6.11 Il-Viċi Sindku tkellem ukoll dwar il-ħarġa annwali għal Sqallija u staqsa jekk għandniex nerġgħu norganizzawha.

6.11.1 Qal li hemm min wera x-xewqa li minflok immorru għal ġurnata, mmorru għal tmiem il-ġimgħa, jiġifieri tliet (3) ijiem.

6.11.2 Spjega kif se jkun qiegħed jiċċekkja dwar kemm tiġi tiswa, imbagħad il-Kunsill Lokali jiddeċiedi liema hi l-aktar soluzzjoni viabbli.

6.12 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-websajt tal-Kunsill Lokali u qal li l-istudent li qiegħed jaħdem fuqha wasal fl-aħħar fażi.

6.12.1 Spjega kif għandu l-artikli kollha bl-Ingliż u issa dawn iridu jinqalbu għal-lingwa Maltija.

6.12.2 Fisser kif se nkunu qegħdin nagħmlu l-almu tagħna biex din il-websajt tkun lesta sa Mejju li ġej.

6.13 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud staqsiet jekk huwiex possibbli li fi Triq Soubirous k/ma’ Triq il-Fulija jsir sinjal ta’ STOP mal-art.

6.13.1 Is-Sindku wieġeb li kollox huwa possibbli, imma rridu nifhmu li kull darba li jsiru sinjali ġodda dawn iridu jiġu rinfriskati kultant żmien u dan ifisser aktar spejjeż għall-Kunsill Lokali, fi triq li mhijiex daqshekk frekwentata u traffikuża.

6.13.2 Ġie deċiż li għalissa s-sitwazzjoni se tibqa’ kif inhi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 7. FINANZI

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,772.57 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 03/16 u €51.99c skont il-*Petty Cash* Ref T/02.

7.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

7.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 25 t'April 2016 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**